# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 15

It-Tlieta, 15 ta' April, 2025

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fin-12.30pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Jonathan Mercieca – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

SKUŻATI:

Abigail Micallef – Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **00356 21563666;** *E-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 15.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Il-Viċi Sindku Abigail Micallef u l-Kunsillier Horace Vella talbu li jkun skużati mil-laqgħa tal-lum. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħat preċedenti jiġifieri laqgħat numru 13 u 14. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

15.3.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill Lokali illi d-DLG tana estensjoni sal-aħħar ta' Mejju 2025 sabiex jiġi mplimentat il-proġett tal-lattrina pubblika taħt skema SPI/SCI/10/2022.

15.3.2 Is-Sindku spjega illi dwar il-kuntratt tal-offerta KCM/06/2024 tat-tinda ġibna l-approvazzjoni għat-terminazzjoni tal-kuntratt mid-DLG. Sadanittant, tkellimna mal-ARPA jekk nistgħux immorru għal direct order li jkun approvat mill-Ministru iżda ma tawniex garanzija li ser nitħallsu fuq direct order għalkemm ikun approvat. Tkellimna mas-Sur William Sultana li ssuġġerixxa li ma nġibux tinda oħra u jekk ikun hemm bżonn tinkera waħda u għalkemm kienet parti mill-proġett, il-Kunsill ikun jista' jidħol f'commitment li xorta ser jintlaħqu l-oġġettivi tal-proġett. Sar qbil li jsir hekk.

15.3.3 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi l-ħaddiem il-ġdid fuq l-iskema CIES ser ikun Jesmond Xuereb u beda xogħol ilbieraħ. Huwa ser ikun qiegħed jieħu l-liċenzja tal-LPTV ukoll sabiex ikun jista' jsuq il-vann tal-komunita'.

15.3.4 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi huwa mistieden għall-attivita' li ser tittella' mill-iskola Primarja Peter Paul Grech b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali 'Jum in-Naħla'. Din ser tkun nhar l-20 ta' Mejju 2025.

15.3.5 Wara l-inċident li kien sar fi Frar li għadda ġewwa l-Għadira ta' San Rafflu fejn waqa' trakk ġol-Għadira, il-Kunsill għadu jisħaq biex timtela' l-Għadira bl-ilma. Il-Kunsill kiteb lill-ERA iżda ma tawniex risposta. Il-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar issa daħal fiha ukoll biex jagħmel pressjoni minn naħa tiegħu permezz tad-Direttorat tal-Public Cleansing li kellmu ukoll lis-CEO tal-ERA.

15.3.6 Irċevejna ittra mingħand il-Kappillan fejn qed jinforma lill-Kunsill illi fil-Pontifikali li ġejjin mhux ser ikun qed jibgħat invit uffiċjali iżda l-Kunsill ser ikun dejjem qed jinżammulu l-postijiet ta' quddiem u jekk sa għaxar minuti qabel ma tibda l-funzjoni ikun għad hemm il-postijiet vojta, dawn jimtlew minn persuni oħrajn għaliex inkella jkunu koroh jekk jibqgħu vojta.

15.3.7 Is-Sindku ppreżenta kopja tal-ittri uffiċjali li ntbgħatu mill-Kunsill lill-kuntratturi TEC Ltd, Anthony Cauchi u Ronnie Dimech (Powersound).

15.3.8 Is-Sindku qal illi l-Kunsillier Jonathan Mercieca ġab ittra u firem ta' petizzjoni dwar xi raba' fi Triq is-Santwarju Puniku. Skond ir-residenti, din l-art qegħda f'periklu li tiġi żviluppata u qed jitolbu lill-Kunsill Lokali sabiex jappoġġjahom fit-talba tagħhom sabiex din l-art, li skond dawn ir-residenti hija art tal-Gvern, tibqa' pubblika u ssir xi ġnien jew żona pubblika. Peress li llum kienu qegħdin tliet membri tal-Kunsill biss preżenti għal-laqgħa, ġie deċiż li din il-materja tittella' għad-diskussjoni fil-laqgħa li jmiss.

## 15.4 Tiġdid tal-kuntratt tal-Animal Steward

Il-Kunsill talab lid-DLG jekk il-Kunsill iġedded il-kuntratt tal-Animal Steward, peress li ser taqbeż l-erba' snin, il-Kunsill ikunx ser jiġi obbligat li joħroġ il-paga tagħha mill-allokazzjoni tiegħu. Id-DG Emil Vassallo irrispondiena illi d-DLG ser tkun qed tmantni l-fondi tal-paga tagħha. Għalhekk ġie deċiż li jiġġedded il-kuntratt.

## 15.5 SPI/SCI/07/2025 – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita'

Is-Sindku ssuġġerixxa illi napplikaw biex nixtru trakk għas-servizz tal-iskart goff u nġibu makkinarju ieħor biex innaddfu t-toroq bih. Il-membri qablu ma' dan u sar qbil illi l-Kunsill ser ikun qed joħroġ il-bilanċ tal-flus ta' 15% tal-proġett.

## 15.6 RENEW Project

Is-Sindku qal li s-sena l-oħra kien iltaqa' ma' xi Taljani li kienu ser japplikaw għal xi fondi Ewropej fuq ġemellaġġi bejn diversi pajjiżi. Huma kienu daħħlu lill-Kunsill Lokali tagħna sabiex ikun parti mill-applikazzjoni. F'dawn l-aħħar jiem ġejna nfurmati illi dan il-proġett ġie milqugħ u għalhekk ser inkunu qed nikkollaboraw ma' diversi pajjiżi oħra biex noħolqu programm. Ġie deċiż illi aħna nġibuhom ġewwa ta' Kerċem f'Marzu 2026 u ntgħażlu d-dati ta' bejn l-24 u s-27 ta' Marzu 2026 bħala dati tentattivi.

## 15.7 Miżura 3 – Attractions and Innovative Events for all Seasons

Kif diġa ssemma aktar qabel, ħadna l-pariri legali u ntbgħatu l-ittri uffiċjali. Għalhekk issa naraw x'ser jiġri minn hawn.

## 15.8 Ilmenti u Suġġerimenti

15.8.1 L-attivita' li applikajna għaliha bil-fondi tad-DLG u bl-isem ta' 'Sapori d'Italia' ser ikollna nbiddlulha l-isem u ser naqilbuha b'tema Maltija peress li kellmuna mid-DLG sabiex nagħmlu dan.

15.8.2 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca talab is-segwenti:

- Sabiex teħel mera fi Triq Santa Luċija peress li kienet diġa eżistenti imma m'għadiex hemm. Ħadd ma sab oġġezzjoni;
- Hemm xi ħadid u vireg ħerġin mill-art fi Triq San Niklaw. Ġie deċiż li jinqata' l-ħadid u ngħattuh bit-tarmak;
- Sabiex isir bank ieħor fi Triq il-Kalandrijiet. Ġie deċiż li l-ewwel imorru fil-post u jaraw x'jista' jsir biex ma tintilifx is-simetrija tat-triq;
- Sabiex jitranġaw żewġ bankini, waħda fi Triq San Girgor u oħra fi Triq Xuxa. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

15.8.3 Residenta fi Triq Xuxa talbet biex issir bankina quddiem ir-residenza tagħha peress li l-karozza qed jipparkjawlha eżatt mal-bieb u ma tkunx tista' tidħol u toħroġ.

15.8.4 Sar ilment illi qed jintużaw xi drones fil-baxx fi Ġnien il-Familja u biex nagħmlu tabella. Madanakollu, wara diskussjoni qasira, ħareġ illi wieħed irid jara drone jistax jittajjar f'dan il-post jew le qabel ma teħel kwalunkwe tabella.

15.8.5 Resident qed jitlob illi z-zebra crossing ta' Triq Ġużeppi Briffa tinżel aktar 'l isfel peress li tinsab perikolużi fil-pożizzjoni kurrenti tagħha. Is-Sindku qal li diġa kien tkellem ma' TM li sabu problema biex imexxuha u għalhekk dan ma jistax isir.

## 15.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 15.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fis-2.00pm u ġiet aġġornata għall-5 ta' Mejju 2025, fin-12.30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |